# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

# DECIZJONI NRU. 1319

KAZ NRU. 1428

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

bejn

Nathan Martin

u

U.C.I.M. Company Limited

dwar tkeccija mill-impjieg allegata li hi ngusta

Data : 16 ta' Lulju, 2002

**Chairman : Is-sur Colin Tabone**

Dan il-kaz gie riferit lit-Tribunal Industrijali mill-Onor. Vici Prim Ministru u Ministru ghall-Politika Socjali permezz ta' ittra datata 13 ta' Marzu 2000 b'referenza MSP/TI/22/2000 skond il-provvidementi ta' l-Artiklu 28(2) tal-Kap. 266 tal-Ligijiet ta' Malta.

L-appellant Nathan Martin kien assistit mill-avukat Anthony Cremona waqt li s-Socjeta' ntimata kienet rapprezentata mis-sur Vincent Sladden assistit mill-avukat Joe Caruana Scicluna.

Fid-dikjarazzjoni tal-kaz l-appellant stqarr li kien impjegat mal-kumpanija U.C.I.M. bhala salesperson taht kuntratt ta' xoghol ghal zmien indefinit mid-9 t'Ottubru, 1997 sal-14 ta'

Frar, 2000. F'dan il-kuntratt tax-xoghol kien hemm stipulat li l-appellant kien intitolat ghal commission ta' Lm2.50 fuq kull karozza mibjugha u Lm3.50 fuq kull Waxoyl u 100 plus mibjughin. Dan il-commission kien jinghata wkoll bhala kumpens ghal kwalunkwe xoghol overtime li seta' jaghmel. L-appellant iddikjara li l-commission kienet parti ntegrali tal-kuntratt tax-xoghol daqs kemm kienu s-salarju ta' Lm2,600 fis-sena, u l-kundizzjonijiet l-ohra u kienet raguni mportanti li fuqha ffirma l-kuntratt tax-xoghol. Semma wkoll li medjament kien jaqla' mal-Lm5,000 fis-sena.

Fit-12 ta' Frar 2000, l-appellant flimkien mal-kollegi tieghu gew ipprezentati b'kuntratt ta' mpjieg gdid ghal zmien indefinit li fih tnehha l-commission li kienu ntitolati ghaliha taht il-kuntratt il-qadim u ddahhal klawsola li tghid "the amounts of such commission and the items in respect of which a commission shall be due, shall be determined by the Company from time to time ……."

Dan il-kuntratt il-gdid gie pprezentat lilu waqt li l-kuntratt li kien iffirmat fid-9 t'Ottubru, 1997 kien in vigore.

Fl-14 ta' Frar, 2000 il-General Manager tal-kumpanija nfurmatu li jekk l-appellant ma kienx ser jiffirma l-kuntratt il-gdid, il-kumpanija kienet ser tiehu passi severi.

Fil-fatt il-passi ittiehdu wara li l-kuntratt il-gdid ma giex iffirmat u fl-istess jum gie pprezentat b'ittra iffirmata mill-General Manager fejn l-impjieg tieghu gie tterminat b'effett immedjat.

L-appellant iqis li t-tkeccija mhiex valida u l-unika raguni kienet li ma kienx lest jiffirma kuntratt gdid li nehhitlu d-

dritt li jircievi l-commission li kien intitolat ghaliha fil-kuntratt l-antik.

L-appellant jitlob li jinghata kumpens xieraq u li jinghata l-impjieg lura bil-kundizzjonijiet li tahthom kien impjegat.

Min naha tal-kumpanija tikkonferma li l-appellant kien impjegat bhala salesperson skond kuntratt ta' xoghol iffirmat fid-9 t'Ottubru 1997, kien dejjem intiz bejn il-partijiet li s-sistema ta' commissions setghu jigu varjati mill-kumpanija u ghaldaqstant meta l-kumpanija riedet tbiddel din is-sistema l-appellant ma kellu ebda dritt jirrifjuta u meta rrifjuta l-kumpanija kellu d-dritt li titterminalu l-impjieg.

Skond il-kuntratt, l-appellant u s-salespersons l-ohra kienu ntitolati ghal commission fuq kull karozza li kien ibiegh kull salesperson.

Il-kumpanija, *bona grazzja* taghha, kienet qeghda thallas commission lil kull salesperson fuq kull karozza mibjugha ndipendentement mil-liema salesperson kien ipprokura l-bejgh. Dak li offriet il-kumpanija lil kull salesperson kien li l-commission tkun ibbazata fuq kull karozza li jbiegh. Din il-commission fil-fatt kienet ghola minn dik ta' qabel. Ghaldaqstant l-appellant kien l-uniku wiehed li m'accettax is-sistema l-gdida - commission.

Il-kumpanija ssottomettiet ukoll li apparti dak li semmiet, ma kienetx kuntenta bil-performance u l-imgieba tas-salesmen inkluz l-appellant u li diversi drabi gibdet l-attenzjoni taghhom u talbithom biex jimmeljoraw. Is-sitwazzjoni baqghet ma tbiddlitx anzi marret ghall-aghar u l-kumpanija kienet qeghda ssofri danni ghal dak li kellu x'jaqsam ma' telf ta' bejgh ta' karozzi u reputazzjoni taghha.

Minflok li l-kumpanija kellha dritt li tittermina l-impjieg, offriet li tvarjalhom is-sistema tal-commission bil-ghan li timmotivahom. Apparti l-appellant, is-salespersons l-ohra accettaw dan it-tibdil u ghalhekk il-kumpanija tterminat l-impjieg tieghu kif kellha dritt taghmel.

Gew ipprezentati numru ta' dokumenti u numru ta' xhieda gew imsejha tul is-smigh ta' din il-kwistjoni.

Din il-kwistjoni tax-xoghol tikkoncerna dwar jekk ir-rifjut ta' l-appellant ghall-kuntratt tax-xoghol gdid hiex raguni valida ghat-tkeccija mill-impjieg.

Punt iehor li jrid jigi analizzat huwa l-kuntratt tax-xoghol li gie ffirmat fid-9 t'Ottubru 1997 fejn tidhol il-klawsola 3.5 fejn tghid ……."the employee shall, in addition to the wage referred to in subarticle (3.1) of this article receive from the Company the following commission in respect of motor vehicles sold by : Lm2.50 for every car sold and Lm3.50 for every Waxoyle and 100 Plus sold, subject to the conditions….."

It-Tribunal Industrijali jrid ukoll jistabilixxi jekk il-kumpanija ghandhiex id-dritt jew le li timmodifika l-mod ta' kif il-commission tithaddem.

Ta min jinnota li z-zewg partijiet gabu argumenti validi fil-punti kollha li tqajjmu b'mod dettaljat. It-Tribunal iqis li dawn it-tlett punti huma l-bazi li fuqhom irid jiddeciedi.

L-appellant isostni li ladarba il-commission kienet qeghda tinghata ghal kull karozza li tinbiegh, irrispettivament minn min, allura din ma ghandhiex titmiss. Huwa fatt li din il-commission kienet titqassam hekk kif xehdu diversi xhieda.

Min naha tal-kumpanija, l-argument li qed iggib jghid li mhux specifikat fil-kuntratt tax-xoghol, izda tammetti li kien jitqassam bhala "group commission". Inghad ukoll li l-kumpanija ma kienitx kuntenta bil-mod li l-bejgh tal-karozzi kien miexi ghaliex kienet issostni li l-bejgh kien ippernjat fuq mudell wiehed li kien popolari u li l-mix ma kienetx tirrispekkja x-xewqat taghha. L-appellant ma jaqbilx ma dan u li din il-kwisjtoni tal-mix kienet biss pretest biex il-commissions jitnaqqsu.

Il-kumpanija semmiet li kemm-il darba  kienu qajjmu dan il-punt tal-mix u li l-affarijiet kellhom jitbiddlu fil-laqghat li l-management innifsu kellu bejniethom, mas-sales manager u mas-sales persons.

Skond il-kumpanija dan kien jikkonsistwixxi  bhala warnings mhux bil-miktub. Isostnu wkoll li l-policy tal-kumpanija kienet li jgibu bilanc fil-bejgh tal-karozzi u l-iskop ta' l-iskema l-gdida ta' commission bbazata fuq it-tip ta' karozza, ghandu jservi bhala ncentiv.

L-appellant hass li kieku wiehed kellu jaghmel paragun ta' kif il-commissions jithaddmu a baza tas-sena 1999, huwa kien ikollu tnaqqis sostanzjali.

Il-kwistjoni tal-klawsoli 3.5 tal-kuntratt tax-xoghol qajjmet lok ghall-interpretazzjoni u hawn wiehed irid iqis id-diversi xhieda.

Id-dritt jew le li l-kumpanija ghandha biex tbiddel kuntratt tax-xoghol li jkun immirat ghall-ezigenzi u natura tax-xoghol ta' l-azjenda u d-dritt ta' l-impjegat li jirrifjutax jew le dawn id-tibdiliet.

**Kunsiderazzjonijiet**

1. Interpretazzjoni tal-klawsola 3.5 tal-kuntratt tax-xoghol :

   Qabel ma t-Tribunal jidhol fil-mertu ta' dan, huwa fatt li fir-realta, il-commission kienet titqassam a bazi ta' kull karozza li tinbiegh. Dan il-fatt ta' stat ghandu jaghti interpretazzjoni li trid tkun hekk? Il-mod kif hu l-wording johloq dubbji ghaz-zewg nahat. Ma huwiex car - anzi mhux car xejn.

2. Policy Decions tal-kumpanija :

   Dan hu punt importanti fil-qasam managerjali ta' l-azjenda. Il-kumpanija ghandha jew le d-dritt li tfassal policies bil-ghan li topera b'mod effikaci fl-interess taghha, tal-impjegati taghha, u tal-konsumatur fid-dawl tar-realta' ekonomika li nghixu fiha.

3. Id-dritt ta' l-impjegat :

   Il-kuntratt tax-xoghol jorbot, huwa assolut minghajr ebda possibilita' ghajr dik ta' ftehim. U kif impjegat jaccetta b'mod volontarju tnaqqis mill-beneficcji.

   A bazi tad-dokumentazzjoni li giet ezibita u a bazi tax-xhieda li nstemghu, it-Tribunal Industrijali iqis, wara studju dettaljat, li : (1) il-kuntratt tax-xoghol ta' dak iffirmat fid-9 t'Ottubru, 1997 jaghtux lok ta' nterpretazzjonijiet opposti; (2) f'sitwazzjonijiet gustifikati, l-kuntratt tax-xoghol jista' jigi mibdul skond l-ezigenzi basta li l-process ta' tibdil ghandu

jsir wara diskussjoni wiesgha bejn il-partijiet. It-Tribunal ihoss li kien hemm eccenni ghal bzonn ta' tibdil kif il-mix tista' tintlahaq ahjar, f'dan il-kaz l-appellant gie nfaccat b'revised contract of employment u li decizjoni kellha tittiehed fi zmien relattivament qasir. Skond decizjoni mehuda mit-Tribunal Industrijali diversament presjedut fit-12 t'April, 2000 gie stabbilit li kuntratt ta' xoghol avolja jorbot mhux assolut (ara decizjoni nru. 1107) (3) l-atteggjament ta' l-appellant deher li ma kienx propens li jaccetta il-kuntratt il-gdid. Wiehed hawn irid jistaqsi jekk kien hemm aktar zmien, is-sitwazzjoni kienitx titbiddel. Jidher li dan ma kienx il-kaz; (4) l-management ghandhux id-dritt li jirregola l-attivita' ekonomika li jopera fiha. Dan hu punt krucjali. Il-management ghandu l-obbligu li jmexxi u li jghati direzzjoni li twassal ghall-miri taghha. Huwa fatt ukoll li ghandha zzomm relazzjonijiet tajba ma' l-impjegati taghha.

<u>Decizjoni</u>

It-Tribunal Industrijali, wara din l-analazi tal-kaz, iqis li r-rifjut ta' l-appellant wassal ghat-terminazzjoni tal-impjieg tieghu u ma kienx kontra l-ligi.

Min naha l-ohra, l-kumpanija setghet tat aktar zmien lill-istess appellant biex jifhem ic-cirkostanzi tal-kaz u ghalhekk tigi mmultata seba' mija u hamsin lira Maltin (Lm750) li ghandhom jithallsu fi zmien hmistax-il gurnata minn din id-data.

Ghall-finijiet ta' l-avviz legali nru. 48 ta' 1986 jistabbilixxi d-drittijiet ta' min assista l-partijiet fis-somma ta' erbghin lira Maltin (Lm40).

B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

---------------------
**Colin Tabone**
**CHAIRMAN**

----------------
**Mary Rose Galea**
**Ghas-SEGRETARJU**